NEWSHEET TAL-GĦAQDIET KATTOLIĊI
Segretarjat għall-Apostolat tal-Lajċi

IL-KURJA, KAXXA POSTALI 1 TRIQ IR-REPUBLIKA, VICTORIA, VCT 1013, GHAWDEX, MALTA.
TEL: (00356) 2155 6661 - (00356) 2155 6427 - (00356) 2155 1211 FAX: (00356) 2155 127

**Nru. 394. OTTUBRU 2009.**

**FTUĦ TAS-SENA SOĊJALI TAL-AZZJONI KATTOLIKA F'GĦAWDEX**
**Motto tas-Sena: "IT-TAGĦLIM TA' KRISTU JĠEDDIDNA"**

**Is-Sibt 17 ta' Ottubru, 2009** ser isir il-Ftuħ tas-Sena Soċjali tal-Azzjoni Kattolika fuq bażi djoċesana 2009 - 2010 fid-Dar Ċentrali tal-Azzjoni Kattolika, Victoria. Tibda fil-5.00p.m b'diskors tal-President Djoċesan tal-Azzjoni Kattolika, *Powerpoint u feature* dwar " Is-Siġra tal-Ħajja" u wara quddiesa konċelebrata mmexxija mill-E.T. Mons Isqof Mario Grech, Isqof t'Għawdex flimkien ma' l-Assistenti Ekkleżjastiċi kollha tal-A. K. Il-membri kollha huma mistiednu jieħdu sehem.

**SILTA MILL-MESSAĠĠ TAL-PAPA BENEDITTU XVI**
**FL-0KKAŻJONI Tat-83 ĠURNATA MISSJUNARJA**
**IL-ĦADD 18 T'OTTUBRU 2009**

*Il-Ħadd 18 t'Ottubru 2009 taħbat il-Ġurnata Missjunarja. F'dan il-jum kulħadd għandu jagħti s-sehem sħiħ tiegħu bit-Talb u l-offerta tiegħu. Niftakru wkoll fil-Missjunarji rġiel u nisa fosthom numru sabiħ ta' lajċi li qegħdin jiddedikaw ħajjithom għall-kawża missjunarja anke mill-gżejjer tagħna.*

**« IL-ĠNUS JIMXU FID-DAWL TAGĦHA » (Apok.21 : 24)**

Il-Missjoni essenzjali tal-Knisja hi li tevanġelizza l-ġnus.

Il-missjoni tal-Knisja hija dik li ssejjaħ lill-popli kollha għas-salvazzjoni mwettqa minn Alla permezz tal-Iben tiegħu li sar bniedem. Huwa neċessarju għalhekk li nġeddu l-impenn li nxandru l-Evanġelju, li huwa l-ħmira ta' libertà, progress, fraternità, għaqda u paċi. Nixtieq intenni li d-dmir li tevanġelizza l-ġnus kollha jifforma l-missjoni essenzjali tal-Knisja dmir u missjoni li l-bidliet kbar u profondi tas-soċjetà tal-lum għamluhom aktar urġenti.

Hemm fin-nofs is-salvazzjoni eterna tal-bnedmin, l-iskop u t-twettiq tal-istorja umana u tal-univers. Animati u ispirati mill-appostlu tal-ġnus, għandna nkunu konxji li Alla għandu poplu kbir fil-bliet kollha fejn qegħdin iterrqu anki l-appostli tal-lum. Infatti "il-wegħda qiegħda għal dawk kollha li huma fil-bogħod, dawk kollha li l-Mulej Alla tagħna sejħilhom" (Atti 2, 39). Il-Knisja kollha għandha tkun impenjata fil-missjoni fost il-ġnus sakemm is-saltna tas-salvazzjoni ta' Kristu sseħħ għal kollox.

F'din il-ġurnata ddedikata lill-missjonijiet niftakar fit-talb f'dawk li kkonsagraw ħajjithom esklużivament għall-ħidma tal-evanġelizzazzjoni. Insemmi b'mod partikulari lil dawk il-knejjes lokali u dawk il-missjunarji rġiel u nisa, li qegħdin jagħtu xhieda u jxerrdu s-saltna ta' Alla f'sitwazzjonijiet ta' persekuzzjoni, b'forom ta' oppressjoni li jmorru mid-diskriminazzjoni soċjali sal-ħabs, it-tortura u l-mewt. Mhumiex ftit dawk li attwalment ġew mogħtija l-mewt minħabba fl-"isem" tiegħu.

Baqa' ta' attwalità tremenda dak li kiteb il-meqjum Predeċessur tiegħi, il-Papa Ġwanni Pawlu II: "Iċ-ċelebrazzjoni tal-Ġublew fetħet quddiemna dehra tal-għaġeb u wrietna li żmienna hu għani b'mod partikulari b'xhieda li, b'mod jew ieħor, għarfu jgħixu l-Evanġelju f'sitwazzjonijiet ta' ostilità u persekuzzjoni u spiss waslu biex jagħtu l-prova suprema tad-demm"(*Novo millennio ineunte*, 41).ikompli """""""""""""""""

**(Papa BenedittuXVI)**

# Kalendarju Pastorali
# Ottubru – 2009
# Numru 394

| | |
|---|---|
| 1. Ħamis | Santa Tereza tal-Bambin Ġesu' verġni u duttur tal-Knisja –Tifkira (0).<br>Jum Internazzjonali ta' l-Anzjani (NU) |
| 2. Ġimgħa | L-Angli Kustodji Mqaddsa - Tifkira (O).<br>L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar. Adorazzjoni u Tqarbina Riparatriċi. |
| 3. Sibt | Santa Fawstina Kawsalska. V.<br>Laqgħa għas-Saċerdoti: Programm Sena Saċerdotali / Pjan Pastorali Manresa fid-9.00a.m.<br>Lejl Adorazzjoni mill-Mov.Ewk. fil-Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, Victoria li jibda b'quddiesa fit-8.00p.m. |
| 4. Ħadd | Is-27 Ħadd tas-Sena. Messalin Sena B paġna 481.<br>Issir il-Purċissjoni tal-Madonna tar-Rużarju fil-Parroċċi kollha.<br>Films għall-familja kollha fl-Oratorju Don Bosco, Victoria fil-5.30p.m.<br>Jum l-Ambjent (Festa ta' San Franġisk ta' Assisi). |
| 6.Tlieta | San Bruno,presbiteru – Tifkira<br>Lectio Divina għas-saċerdoti Żona A – Katidral fil-4.00p.m. |
| 7.Erbgħa | L-Imqaddsa Verġni Marija tar-Rużarju. – Tifkira (0). |
| 10.Sibt | Jum Dinji għas-Saħħa Mentali (NU)<br>Lejl Adorazzjoni mill-Mov.Ewk. fil-Knisja ta' Sant'Anton Abbati, Xagħra , li jibda fit-8.00p.m. |
| 11.Ħadd | It-28 Ħadd tas-Sena. Messalin Sena B, paġna 487.<br>Id-Dedikazzjoni tal-Knisja Katidrali – solennita'.<br>Jum it-tagħlim Nisrani – Jingħata l-Mandat lill-Katekisti.<br>Festa tal-Madonna tal-Patroċinju fil-Knisja tal-Wied, Għasri.<br>Films għall-familja kollha fl-Oratorju Don Bosco, Victoria fil-5.30p.m. |
| 12.Tnejn | Laqgħa tal-Kummissjoni Djoċesana Familja –Ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb, Victoria fis-7.00p.m. |
| 13.Tlieta | Lectio Divina għas-saċerdoti Żona B – Kerċem fil-4.00p.m.<br>Is-6 dehra tal-Madonna ta' Fatima fil-Knisja ta' Ħamet. Fil-5.30p.m.Adorazzjoni Solenni u fis-6.30p.m.<br>Quddiesa mill-Isqof t'Għawdex Mons Mario Grechu wara pellegrinaġġ ta' Talb, kurunella u Barka Sagramentali. |
| 14.Erbgħa | Laqgħa tal-Kulleġġ tal-Kappillani fiċ-Ċentru Pastorali Ragħaj it-tajjeb fit-8.30a.m. |
| 15.Ħamis | Santa Teresa ta' Ġesu' V. u Duttur tal-Knisja. Tif.(0)<br>Ftuħ tal-Kungress Ewkaristiku Djoċesan fil-Parrroċċi (Festa Ewkaristika)<br>Adorazzjoni għas-saċerdoti fil-Kappella tas-Seminarju fid-9.00p.m. |
| 16.Ġimgħa | Santa Margerita Marija Alacoque, Verġni. -Jum Dinji ta' l-Ikel (NU)<br>Kungress Ewkaristiku Djoċesan :Laqgħa fil-parroċċi għal-lajċi impenjai f'servizzi u ministeri tal-liturġija. |
| 17. Sibt | Sant'Injazju t'Antijokja, Isqof u Martri – Tifkira (O).<br>Ftuħ tas-Sena Soċjali 2009-2010 tal-Azzjoni Kattolika f'Għawdex, Dar Ċentrali tal-A.K. Victoria mil-5.00p.m. sas-7.00p.m.<br>Lejl Adorazzjoni mill-Mov.Ewk. fil-Parroċċa tal-Fontana, li jibda b'quddiesa fit-8.00p.m. |
| 18. Ħadd | Id-29 Ħadd tas-Sena. Messalin Sena B paġna 492.<br>ĠURNATA MISSJUNARJA. Isir ġbir għall-Missjoni tal-Opri Missjunarji Pontifiċji.<br>Films għall-familja kollha fl-Oratorju Don Bosco, Victoria fil-5.30p.m.<br>Festa ta' Ġesu' Nazzarenu – Nazzarenu, Xagħra. |
| 19-23 Tnejn-Ġimgħa | Kungress Ewkaristiku Djoċesan: Ġimgħa ta' Formazzjoni Liturġika –Ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb, Victoria, mill-5.30p.m. sat-7.45p.m. |
| 20.Tlieta | Lectio Divina għas-saċerdoti Żona Ċ– Xewkija fil-4.00p.m. |
| 21.Erbgħa | Sant' Ursola u sħabha Martri – Solennita' fil-Katidral. |
| 22.Ħamis | Adorazzjoni għas-saċerdoti fil-Kappella tas-Seminarju fid-9.00p.m. |
| 23-25 Ġimgħa-Ħadd | Kampanja ta' solidarjetà « Għin biex trebbaħna » Kumpless Sportiv tas-Seminarju-Victoria. |
| 24.Sibt | Adorazzjoni għall-Persuni Kkonsagrati fil-Parroċċa tal-Għasri li tibda fis-6.30p.m.<br>Lejl Adorazzjoni mill-Mov Ewk. fil-Parroċċa tal-Qala li jibda fit-8.00p.m. |
| 25. Ħadd. | It-30 Ħadd tas-sena. Messalin sena B, paġna 498. – JUM IL-BIBBJA<br>Kungress Ewkaristiku Djoċesan: Tifsir tal-gesti liturġiċi tal-quddiesa.<br>Films għall-familja kollha fl-Oratorju Don Bosco, Victoria fil-5.30p.m. |
| 27.Tlieta | Lectio Divina għas-saċerdoti Żona D – Nadur fil-4.00p.m. |
| 28.Erbgħa | San Xmun u San Ġuda, Appostli- Festa. |
| 29.Ħamis | Adorazzjoni għas-saċerdoti fil-Kappella tas-Seminarju fid-9.00p.m. |
| 30. Ġimgħa | Kungress Ewkaristiku Djoċesan: Katekeżi fis-Santwarju ta' Pinu fis-7.00p.m. |
| 31, Sibt | Lejl Adorazzjoni mill-Mov Ewk. fil-Knisja ta' Savina, Victoria, li jibda fit-8.00p.m. |

**MATUL DAN IX-XAHAR INHEĠĠU BIEX IL-FAMILJI KOLLHA JITOLBU FLIMKIEN ID-DAR PERMEZZ TAR-RUŻARJU, U JOFFRU DIN IT-TALBA GĦAŻIŻA GĦAS-SUĊĊESS TAL-KUNGRESS EWKARISTIKU DJOĊESAN.**